MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA**

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2010

Numru. 220/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Carmel Camilleri bin Saviour u Rita nee' Sultana, imwieled fit-3 ta' Mejju, 1962 u residenti fil-fond Ponderosa,**
**Triq Santa Lucija, Kercem, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita' numru 22862(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi Carmel Camilleri li gie akkuzat talli nhar l-01.12.2006 ghal habta ta' 17:30hrs fl-inhawi ta' Klula limiti ta' Kercem, Ghawdex;

1) qal kliem fahxi li jikkonsisti f'dagha fil-pubbliku (Art 342 Kap 9);
2) ha jew ipprova jiehu xi ghasfur b'mansab mekkanizzat mhux tradizzjonali u bi xbiek akbar minn 13.75 metri b'2.75 metri (45 pied X 9 piedi) (A.L. 79/2006 Reg 8);
3) aktar talli ha jew ipprova jiehu xi ghasfur (pluviera) li hu ghasfur protett taht dawn ir-regolamenti jekk mhux skond dawn ir-regolamenti u skond il-kundizzjoni ta' kull licenzja li tinghata tahta u dan bi ksur tar-regolamenti 4(A) A.L. 79/2006, Art 3(c) A.L. 187/2006;

Rat l-imputazzjoni

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha ta' dana il-procediment;

Semghet il-provi;

Semghet trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat huwa akkuzat li fl-1 ta' Dicembru 2006 huwa kien qieghed jonsob ghal pluviera meta fiz-zmien tal-kummissjoni tar-reat, l-istagun tal-insib kien miftuh biss ghall-ghasafar tal-ghana u dana ghamlu meta kellu mansab mekkanizzat u xbiek ta' qisien akbar minn dak permess bil-ligi.

Illi fir-rigward tal-akkuza koncernanti l-mansab u x-xbiek u cioe' it-tieni akkuza migjuba kontra l-imputat, id-difiza qieghda tikkontendi illi l-prosekuzzjoni naqqset milli tressaq l-ahjar prova u cioe' il-mansab in kwistjoni. Dana billi dan l-istess mansab u xbiek la gew esebiti formalment u lanqas materjalment u ghalhekk ma jiffurmawx parti mill-atti ta' dina l-kawza. Inoltre jirrizulta illi dawna qatt ma gew elevati mill-pulizija li kienu qed jinvestigaw dana l-kaz u fil-fatt illum jinsabu fil-pussess tal-imputat. L-uniku haga li ghamel is-surgent Xiberras kien illi ha ritratti tal-istess mansab u xbiek (Dokumenti CC2, CC3 u CC4). Illi

hawnhekk il-Qorti taghti ragun lid-difiza. Illi l-uniku xhud prodott mill-prosekuzzjoni kien il-PS 1424 Xiberras li ghakemm fix-xhieda tieghu jghid li kejjel ix-xbiek u anke hadilhom xi ritratti, madanakollu l-istess ma gewx elevati. Di piu' il-prosekuzzjoni naqqset milli tressaq lill-kuntistabbli 1506 li kien prezenti sabiex jikkorobora x-xhieda tas-surgent. Illi ghalhekk minhabba n-nuqqas ta' dina l-prova ewelenija ghas-sejbien ta' htija ghal dana r-reat, l-akkuza ma gietx ippruvata lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni u ghalhekk l-imputat ser jigi liberat minn dina l-akkuza.

Illi ghar-rigward tat-tielet akkuza, l-imputat iressaq zewg linji difenzjonali. Fl-ewwel lok l-imputat iressaq l-eccezzjoni illi huwa jinsab akkuzat b'fatt illi llum ma ghadux jikkostitwixxi reat bil-ligi kif emendata. Illi l-imputat ma jispjegax iktar l-eccezzjoni tieghu izda jipprezenta sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali in sostenn tal-argument tieghu (ara Dokument JM). Illi bir-rispett kollu dina s-sentenza ma tinkwadrax ruhha fl-eccezzjoni moghtija mill-imputat peress illi dina titratta dwar emendi fil-ligi li jirrigwardaw pieni. Illi l-imputat jinsab akkuzat taht ir-regolament **4(a) ta'l-Avviz Legali 79/2006 li jiddisponi illi:**

"Minghajr pregudizzju ghad-disposizzjonijiet tar-regolamenti 5, 8 u 9, ebda persuna m'ghandha (a) tikkaççja jew tipprova tikkaççja, tiehu jew tipprova tiehu xi ghasfur li huwa protett taht dawn ir-regolamenti, jekk mhux skond dawn ir-regolamenti u skond il-kundizzjonijiet ta' kull liçenza li tinghata tahtha."

Illi fil-perijodu tal-kummissjoni tar-reat ikkontemplat fit-tielet akkuza kien japplika ir-Regolament 3(c) tal-Avviz Legali 187 tal-2006 li kien jirregola it-tehid ta' ghasafar u dana fl-istagun tal-insib tal-harifa 2006, meta jinghad fl-istess regolament illi d-data tal-ewwel ta' Ottubu 2006 kellha tkun il-bidu tal-istagun miftuh ghat-tehid tal-ghasafar tal-ghana.

Illi ghalhekk fil-gurnata mertu ta' dina l-akkuza, l-imputat seta' biss jonsob ghall-ghasafar tal-ghana u xejn izjed.

Ghaldaqstant l-eccezzjoni sollevata mid-difiza qed tigi michuda.

Illi fit-tieni lok, l-imputat jikkontendi illi l-pluviera li ntsabet fil-pussess tieghu kienet qed tintuza bhala decoy u ma kinitx giet maqbuda minnu. Illi hawnhekk il-Qorti ma temminx lill-imputat. Fl-ewwel lok is-surgent Xiberras jindika illi fil-mansab kien hemm pluviera u kien hemm ukoll xi decoys. Huwa jixhed: “Mal-linja tax-xbiek go gagga kien hemm pluviera hajja u madwar ix-xbiek kien hemm xi decoys tal-pluvieri”. Ghaldaqstant huwa evidenti illi l-imputat kien qieghed jonsob ghal pluviera u ghalhekk it-tielet akkuza tirrizulta ippruvata.

Finalment ghar-rigward tal-ewwel akkuza, is-surgent Xiberras fl-affidavit tieghu jindika illi l-imputat beda jidghi hekk kif gie intercettat mill-pulizija. Dana mhux kontradett mill-imputat. Ghaldaqstant anke dina l-ewwel akkuza tirrizulta ippruvata.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikolu 32 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u r-regolamenti 4(a) tal-Avviz Legali 79/2006 u l-atikolu 3(c) tal-Avviz Legali 187 tal-2006, filwaqt li tillibera lill-imputat mit-tieni akkuza, issibu hati tal-ewwel u t-tielet akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah multa komplessiva ta’ mija u hamsin ewro (€150).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------